MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2014

Avviz Numru. 287/2013

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 1919/13 fl-ismijiet:**

**Jimmy Vella Fruit & Veg Limited [C 32795]**

**vs**

**European Airlines Limited [C41843]**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-23 ta' Settembru 2013, li permezz tieghu s-socjeta' European Airlines Limited esponiet:

*"Illi permezz ta' Ittra Ufficjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta [Nru 1306/13] intavolata quddiem din l-Onorabbli Qorti fil-5 ta' Gunju, 2013 is-socjeta' Jimmy Vella Fruit & Veg Limited interpellat lis-socjeta' esponenti European Airlines Limited sabiex*

*thallasha s-somma ta' elf, hames mija u wiehed u sebghin euro u sitta u disghin centezmu (€1,571.96) rapprezentanti prodotti allegatament mibjugha u kkonsenjati lis-socjeta' esponenti;*

*Illi permezz ta' Ittra Ufficjali [Nru 2034/13] intavolata quddiem din l-Onorabbli Qorti fil-5 ta' Lulju, 2013 (hawn annessa u mmarkata 'Dok. A'), u cioe' xahar wara li giet ipprezentata l-Ittra Ufficjali 166A surreferita, is-socjeta' esponenti rrispondiet ghall-imsemmija Ittra Ufficjali 166A billi cahdet il-pretensjonijiet kollha maghmula mis-socjeta' Jimmy Vella Fruit & Veg Limited;*

*Illi sussegwentement l-Ittra Ufficjali 166A giet reza esekuttiva fis-16 ta' Lulju, 2013 mid-deputati tal-Qrati u, konsegwentement, is-socjeta' Jimmy Vella Fruit & Veg Limited talbet u ottjeniet il-hrug tal-mandat odjern;*

*Illi ghal xi raguni jidher illi l-ittra responsiva tas-socjeta' esponenti, ma gietx mehmuza mal-Ittra Ufficjali 166A [Nru. 1306/13] tal-5 ta' Gunju, 2013 kif solitament jigri u kif titlob il-ligi;*

*Illi ghaldaqstant, effettivament, is-socjeta' esponenti wiegbet ghall-imsemmija Ittra Ufficjali, b'Ittra Ufficjali ohra fil-5 ta' Lulju (u allura, entro t-termini ta' tletin (30) jum;), liema Ittra Ufficjali giet debitament notifikata lis-socjeta' Jimmy Vella Fruit & Veg Limited fl-10 ta' Lulju 2013;*

*Illi, subordinament ghal dak appena suespost, jezistu ragunijiet legittimi ghalfejn is-socjeta' esponenti m'hix debitrici tas-socjeta' Jimmy Vella Fruit & Veg Limited, u dan kif jirrizulta fit-trattazzjoni ta' dan ir-rikors quddiem din l-Onorabbli Qorti;*
*Illi ghalhekk jezistu ragunijiet validi fil-ligi ghalfejn dan il-mandat ghandu jigi revokat ai termini tal-Artikoli 281 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, is-socjeta' esponenti titlob bir-rispett sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka u thassar ghal kollox il-Mandat ta' Sekwestru (Esekuttiv) Nru. 1919/13 tat-30 ta' Awissu*

*2013, kif ukoll l-effetti kollha tieghu, ai termini tal-Artikolu 281 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra s-socjeta' Jimmy Vella Fruit & Veg Limited."*

Rat id-digriet taghha tas-26 ta' Settembru 2013 fejn ordnat li r-rikors jigi notifikat lil kontro parti b'jumejn zmien ghar-risposta u appuntat ir-rikors ghas-smiegh.

Rat ir-risposta tas-socjeta' intimata Jimmy Vella Fruit & Veg Limited ipprezentata fl-atti nhar is-16 ta' Ottubru 2013 fejn eccepiet is-segwenti:-

"*Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez ghas-segwenti ragunijiet:-*

*Illi fil-5 ta' Gunju 2013, is-socjeta' esponenti pprezentat ittra ufficcjali skond id-disposizjonijiet ta' l-Artikolu 166A tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili, Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, numerata 1306/13 kontra s-socjeta' European Airlines Limited ghas-somma ta' €1571.96, prezz ta' prodotti mibjugha u debitament ikkonsenjati lilha li baqghet ma thalsitx minnha.*

*Illi din l-ittra ufficcjali ma gietx ikkontestata fil-mod stabbilit fid-disposizjonijiet fuq imsemmija tal-Kap 12 b'rizultat li din l-ittra ufficcjali giet reza esekuttiva u fit-30 ta' Awwissu 2013 is-socjeta' esponenti pprezentat mandat ta' sekwestru numerat 1919/13 kontra l-istess European Airlines Limited ghall-ammont dovut.*

*Illi jirrizulta llum li fil-5 ta' Lulju 2013, i-socjeta' European Airlines Limited kienet ipprezentat ittra ufficcjali numerata 2034/13 kontra is-socjeta' esponenti fejn ghamlet referenza ghall-ittra ufficcjali tas-socjeta' esponenti numerata 1306/13 u rrespingiet il-kontenut taghha.*

*Illi l-Artikolu 166A (3) jipprovdi li d-debitur jista' jipprezenta* ***nota fl-atti ta' dik l-ittra ufficcjali*** *li tkun giet prezentata kontrih li fiha tigi respinta t-talba. Jirrizulta ghalhekk li l-att gudizzjarju li pprezentat is-socjeta' European Airlines*

*Limited la sar fil-forma stabbilita mill-ligi u lanqas ma kien jirreferi ghall-ittra ufficcjali in kwistjoni u ghalhekk ma setghet qatt iggib l-effett li tikkontesta t-talba ta' l-ittra ufficcjali tas-socjeta' esponenti.*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suepost, it-talba tas-socjeta' European Airlines Limited hija intempestiva stante li kellha l-ewwel tikkontesta l-validita' tat-titolu ezekuttiv skond id-disposizjonijiet ta' l-Artikolu 166A (5) qabel ma titlob ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru numerat 1919/13.*

*Illi di piu' skond l-Artikolu 166A (6) -*

*Ebda opposizzjoni hlief dik li hemm specifikament provdut dwarha fis-subartikolu (5) ma ghandha twaqqaf il-hrug jew l-esekuzzjoni ta' xi att esekuttiv li jinkiseb taht dak is-sub artikolu jew il-hlas ta' xi rikavat ta' xi mandat jew bejgh b'irkant li jsir konformament ma' dan.*

*Illi jirrizulta ghalhekk li l-mandat ta' sekwestru numerat 1919/13 huwa validu ai fini u effetti kollha tal-ligi u t-talba tas-socjeta' European Airlines Limited ghar-revoka u thassir tieghu m'ghandhiex bazi legali"*

Semghet lill-partijiet jghidu li m'ghandhomx provi xi jresqu u li l-kwistjoni kienet wahda purament legali u li ghalhekk fl-istess seduta tas-27 ta' Novembru 2013 semghet lill-avukati difensuri tal-partijiet jitrattaw ir-rikors u jitolbu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-prezenti hu rikors arginat fuq l-Artikolu 281 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) li qed jikkwerela bhala ineffikacji, nulla u bla ebda effett l-procedura adoperata mill-intimat sabiex jikkontesta l-ittra ufficjali fl-ismijiet "Jimmy Vella Fruit & Veg Limited vs European Airlines Limtied " mahruga fil-5 ta' Gunju 2013 in virtú ta' l-Artikolu 166A ta' l-imsemmi Kodici. Illi s-socjeta' intimata ma pprezentatx risposta fl-atti ta' dan ir-rikors izda ipprezentat ittra ufficcjali u dan fil-5 ta' Gunju 2013 fejn irrispingiet it-talba tas-socjeta'

European Airlines Limited kif kontenuta fl-ittra ufficcjali mibghuta ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta bin-numru 1306/13.

Illi l-kronologija fattwali fl-isfond tal-vertenza odjerna, tista’ tigi migbura hekk:

a. Fil-5 ta’ Gunju 2013 inharget ittra ufficjali fl-ismijiet “Jimmy Vella Fruit & Veg Limited vs European Airlines Limited” ai termini ta’ l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u li ggib in-numru 1306/2013;

b. Illi mill-atti proceswali jirrizulta li din l-ittra ufficcjali ma gietx kontestata permezz ta’ nota kif tirrikjedi l-ligi u li ghalhekk skond ir-risposta tas-socjeta’ intimata fit-30 ta’ Awwissu 2013 din l-istess ittra giet reza ezekuttiva.

c. Fit-30 ta’ Awwissu 2013 is-socjeta’ Jimmy Vella Fruit and Veg Limited intavolat mandat ezekuttiv ta’ sekwestru kontra l-odjerna socjeta’ esponenti u l-istess gie debitament notifikat lis-sekwestratarji li huma indikati fih;

d. Illi manmano ma’ din il-procedura li giet uzata mis-socjeta’ Jimmy Vella Fruit & Veg Limited, is-socjeta’ European Airlines Limited uzat procedura ohra billi pprezentat ittra ufficcjali (Nru 2034/13) u dan fil-5 ta’ Lulju 2013 esebita fl-atti u mmarkata bhala Dok A fejn cahdet il-pretensjonijiet tas-socjeta’ Jimmy Vella Fruit & Veg Limited.

e. Illi s-socjeta’ rikorrenti ipprezentat ir-rikors odjern sabiex titlob lill-Qorti tirrevoka il-mandat ta’ sekwestru ezekuttiv numru 1919/13 tat-30 ta’ Awwissu 2013 kif ukoll l-effetti kollha tieghu u dan ai termini tal-Artikolu 281 tal-Kap. 12 bl-ispejjez ta’ din il-procedura.

**Kunsiderazzjoni legali**

i. Illi skond l-Artikolu 1009 tal-Kodici ta’ Procedura Civili, sfortunatament ta’ spiss dimentikat, jippreskrivi li, “*Kull użu jew drawwa kuntrarja jew mhux kompatibbli*

*mad-disposizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi m'għandux ikollhom effett*".

ii. Illi kif saput, il-procedura hi ligi ta' ordni pubbliku u, allura, jekk il-provvediment tal-ligi jipreskrivi certu konvenzjonizmu, kemm ta' forma jew ta' kontenut, mhix ammessa interpretazzjoni ohra hlief dik letterali, u hi din li ghandha tigi osservata u segwita ('**Pace Associates Ltd vs. Drawing Techniques Ltd'**, Appell Inferjuri, 7 ta' Dicembru, 2005; ara wkoll '**Michele Parnis vs. Carmelo Caruana noe'**, Appell Superjuri, 23 ta' Gunju, 1952; u '**Markiz Anthony Cassar Desain et vs Giovanni Pace noe'**, Appell Superjuri, 15 ta' Ottubru, 1965).

iii. Illi fis-sentenza '**Tabiba u Kirurga Anne Cremona Barbaro vs. Prof. Edwin J. Costanzi noe'** (Appell Superjuri, 14 ta' Awissu, 1975; mhux pubblikata) nsibu ritenut li, "*l-ebda prattika ghalkemm kostanti, ma tista' tmur kontra l-espressa disposizzjoni tal-ligi, u l-prattika ma tistax tipprevali fuq dak li tiddisponi l-ligi* " u "*l-ebda prattika ma tista' thassar dak li l-ligi tiddisponi.*" Dan hu taghlim konsonu mal-**Artikolu 1009** sovra citat.

Il-Qorti thoss li ghandha taghmel referenza ghas-sentenza moghtija ricentement u cioe' nhar id-19 ta' Settembru 2013 fl-ismijiet '**240 Contracting Limited vs Marsaxlokk Football Club',** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili dwar kif wiehed ghandu iwiegeb meta jigi notifikat b'ittra li giet ipprezentata skond l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Din il-kawza kienet tirrigwarda rikors intavolat mill-Marsaxlokk Football Club kontra 240 Contracting Limited kontra ittra ufficcjali li trendi kambjala ezekuttiva.

Ghalkemm din il-procedura ma hijiex l-istess bhal dik tal-ittra ufficcjali intavolata ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap 12, dawn iz-zewg proceduri gew introdotti fil-ligi ta' Malta fl-istess zmien u bil-hsieb li jhaffu (*to ease and to hasten*) il-process gudizzjarju biex kreditur ikun jista' jikseb titolu ezekuttiv minghajr dewmien kontra debitur tieghu, ghalhekk dik il-ligi tindika b'mod car il-formalitajiet u l-procedura ma' xhiex wiehed irid jaderixxi sabiex jintavola

ittra ufficcjali valida u li tista' tigi reza titolu ezekuttiv u konsegwentement x'att gudizzjarju wiehed ghandu jipprezenta meta jrid jopponi u/jew jaccetta dak indikat f'ittra ufficcjali li tigi intavolata kontrih ai termini tal-Artiklu 166A.

Ghalhekk wiehed jista' japplika dak li l-Prim'Awla tal-Qorti Civili spjegat fis-sentenza taghha '**<u>240 Contracting Limited (C–39978) vs Maqrsaxlokk Football Club</u>'** ghal dan il-kaz in ezami.

Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza 667/2013 stqarret li *"Huwa evidenti li l-proċedura speċjali maħsuba taħt l-artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta tirrigwarda lill-kambjala u mhux l-att ġudizzjarju li jintbagħat biex jirrendiha eżegwibbli. Madankollu, minħabba li l-eżekuzzjoni tal-kambjala titlob il-ħruġ ta' ittra uffiċjali, b'xi mod dik l-eżegwibilita' hija marbuta ma' dak l-att ġudizzjarju u s-siwi tiegħu.* ***Il-liġi tispeċifika wkoll x'inhu meħtieġ ad validitatem biex l-interpellazzjoni ġudizzjarja tkun tiswa, iżda lil hinn minn hekk ma titlob l-ebda formalita' oħra;"***

A bazi ta' dan l-argument imressaq mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, wiehed jista' jargumenta li l-Artiklu 166A (3) jispecifika b'mod car il-modalita' li wiehed jista' jattakka jew iwaqqaf ittra ufficcjali intavolata ai termini tal-Artikolu 166A milli ssir titolu ezekuttiv.

In fatti l-Artiklu 166A(3) jispecifika li l-oppozizzjoni ghall-pretensjoni imressqa permezz ta' ittra ufficcjali pprezentata ai termini tal-Artikolu 166A ghandha ssir permezz ta' nota, tant illi l-ittra ufficcjali nniffisha trid tindika **taht piena ta' nullita'** *"lid-debitur li jekk huwa ma jwegibx fi zmien tletin jum mindu jigi notifikat bl-imsemmija ittra ufficcjali billi jipprezenta* ***<u>nota fl-atti ta' dik l-ittra ufficcjali.</u>****"*

Li kieku wiehed seta' jopponi ghat-talba maghmula permezz tal-ittra ufficcjali permezz ta' kwalunkwe att iehor jew procedura ohra, il-legislatur ma kienx jispecifika fit-

twissija li ghandha titnizzel taht piena ta' nullita' kif wiehed ghandu jopponi ghat-talba.

Hawnhekk nikkwota d-dibattitu Parlamentari tat-30 ta' Gunju 2004, fejn l-Onor Dr Mario Demarco fl-intervent tieghu qal, "*Sur President, apparti minn hekk, ma naħsibx li huwa għaqli li d-debitur jista` jopponi permezz ta' ittra uffiċjali li wkoll għandha tiġi notifikata lill-kreditur. L-ewwelnett naħseb li d-debitur għandu jkun jista' jopponi permezz ta' nota ppreżentata l-qorti u t-tieni nett din in-nota għandha tiġi ppreżentata biss fir-reġistru. GĦax inkella jien se jkolli ninnotifika lill-kreditur u l-kreditur jista` jkollu interess biex ma jiġix notifikat qabel ma jiskadu t-30 ġurnata. Dan jista' joħloq problema għal dawn l-interessi li konna qegħdin insemmu."*

Waqt id-dibatittu tal-Kumitati Permanenti ghall-Kunsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Ligi tal-21 ta' Lulju 2004, l-Onor. Carmelo Mifsud Bonnici, li kien il-Ministru li kien intavola l-emendi fil-ligi biex tigi introdotta din il-procedura jispjega illi sabiex wiehed jopponi ghat-talba, *"hu jagħmel biss in-nota. Jekk tagħmel in-nota l-affarijiet jieqfu hemm. Daqshekk, u ma tistax terġa' tiġi wżata*."

Ghalhekk anke minn dan id-dibattitu johrog bic-car li l-hsieb tal-legislatur kien li l-oppozizzjoni tat-talba maghmula permezz ta' ittra ufficcjali ai termini tal-Artiklu 166A tal-Kap 12 kien li jsir permezz ta' nota u b'ebda forma ohra ta' att gudizzjarju.

Illi konsegwentement jirrizulta li l-procedura uzata mis-socjeta' rikorrenti odjerna u cioe' li tipprezenta ittra ufficcjali ohra ma hix dik il-procedura li kellha tintuza sabiex l-ittra ufficcjali li giet ipprezentata ai termini tal-Artikolu 166A ma tigix reza ezekuttiva. Illum il-gurnata ghaddew it-tletin jum preskritt mil-ligi fejn fihom ma giet ipprezentata l-ebda nota dwar kontestazzjoni u ghalhekk tali ittra ufficcjali hija ezekuttiva.

Illi pero' apparti dak li intqal aktar 'il fuq dwar l-procedura li ghandha tintuza fl-applikazzjoni tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12, il-Qorti tinnota li s-socjeta' rikorrenti ibbazat

ir-rikors taghha fuq l-Artikolu 281 tal-Kap 12 u ghalhekk l-Qorti sejra tgħaddi biex tistħarreg l-aspetti ta’ dritt li jirrigwardaw il-każ in linea ta’ dak li jipprovdi l-Artikolu 281 tal-Kap 12.

Din il-Qorti taghmel referenza ghal deciżjonijiet moghtija minn qrati ohra fejn hemm indikat li l-għan li għaliha ddaħħlet il-procedura taħt l-Artikolu 281 fil-Kodici tal-Procedura huwa marbut ma' xi għelt jew nuqqas fl-att eżekuttiv innifsu li, bis-saħħa tiegħu, l-parti eżekutata tbaghti pregudizzju. Għalhekk ma kinitx il-fehma tal-legislatur li din il-procedura tintuża biex il-mandat jew att eżekuttiv ieħor jigi attakkat jew imħassar għal ragunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnfisu li, bis-saħħa tiegħu, l-istess att eżekuttiv ikun inħareg (vide App. civ. 1.12.2000 fil-kawża fl-ismijiet ‘**Briffa vs Stones Properties Ltd. Noe’** (Kollez. Vol: LXXXIV.ii.1401) u App. Civ. **25.5.2001** fil-kawża fl-ismijiet ‘**K.T.I. vs Serge’** (Kolleż. Vol: LXXXV.ii.414). Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 281 jagħmluha cara li r-rimedju mogħti lir-rikorrent jingħata bla ħsara għal kull jedd ieħor taħt l-istess Kodici jew xi ligi oħra (li f’dan il-kaz hemm ghax t-talba promotrici saret taht disposizzjoni specjali tal-ligi u cioe’ l-artikolu 166A tal-Kap. 12);

Illi l-ligi ma tgħidx x’tista’ tkun “raguni valida skond il-ligi”, li nsibu fl-imsemmi artikolu. Madankollu, in generali, jista’ jingħad li mandat jista’ biss jigi attakkat kemm-il darba jkun inħareg minn Qorti żbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma P.A. AJM 14.11.1994 fil-kawża fl-ismijiet ‘**Josephine Spiteri vs Anthony Perry et’** (digriet interlokutorju).

Illi l-istħarrig li din il-Qorti trid tagħmel dwar it-talba mressqa quddiemha għandu jkun wieħed fil-parametri stretti tal-azzjoni kif proposta. Xogħol il-Qorti f’din il-procedura huwa li tara li tagħmel ħaqq mal-partijiet għaliex wara kollox, fi procedura bħal din, ikun hemm dejjem xi titolu eżekuttiv li minnu nnifsu jkun stabilixxa l-mertu tal-kwistjoni. Din il-Qorti, fl-istħarrig li jmissha tagħmel fi provedura bħal din, ma tinbidilx f’Qorti ta’ reviżjoni ulterjuri ta’ l-ilmenti fil-mertu dwar it-titolu li jkun;

F’dan ir-rigward, il-Qorti tqis li l-mottiv li jkun wassal lil xi ħadd biex jitlob il-ħrug ta’ Mandat m’għandux, bħala regola, ikun raguni biex il-Qorti tistħarreg is-siwi tiegħu. Dan jingħad aktar u aktar fejn il-Mandat ikun wieħed eżekuttiv, imsejjes fuq titolu li jkun eżegwibbli;

**Illi fil-fehma tal-Qorti il-Mandat ta’ Sekwestru Ezekuttiv numru 1919/13 li harget is-socjeta’ intimata huwa imsejjes fuq titolu li huwa esegwibbli u li ghalhekk it-talba rikorrenti qed tigi michuda.**

**L-ispejjez huma kollha a karigu tal-istess socjeta’ rikorrenti.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------